# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## S.T.O. Prim Imhallef Vincent Degaetano LL.D.

**Illum 9 ta' Settembru, 2002**

**Appell Nru 122/2002**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Godwin Spiteri u**
**Joseph Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Godwin Spiteri u Joseph Buhagiar talli f'dawn il-gzejjer fit-8 ta' Ottubru 1997:

> (**1**) kellhom fil-pussess taghhom d-droga kokajina bi ksur tal-ligi, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghhom, u
>
> (**2**) lil Godwin Spiteri wahdu, talli sar recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-5 ta' Dicembru 1994;

L-ewwel qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Mejju, 2002 li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Joseph Buhagiar mhux hati skond l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u konsegwentement illiberatu, izda sabet lil Godwin Spiteri hati skond l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu ghall-piena ta' **prigunerija ghal zmien sentejn** (mill-liema periodu ghandu jitnaqqas iz-zmien li huwa ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma' dan il-kaz) kif ukoll ikkundannatu **multa ta' erba' mitt lira (Lm 400)**; l-ewwel qorti ordnat lill-istess Godwin Spiteri jhallas is-somma ta' **erbghin lira u hamsin centezmu (Lm40.50)** rappresentanti spejjez peritali u illiberatu mit-tieni imputazzjoni; fl-ahharnett dik il-qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga ezibita (Dok. NH1) a kura ta' l-ispizjar Mario Mifsud li gie nominat espert ghal dana l-fini;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Godwin Spiteri, minnu ppresentat fl-14 ta' Mejju, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-29 ta' Lulju, 2002; ikkunsidrat:

Ir-rikors ta' appell huwa wiehed pjuttost twil, b'diversi citazzjonijiet minn awturi kif ukoll minn sentenzi kemm lokali kif ukoll ta' gurisdizzjonijiet ohra. L-appellant, bazikament, jikkontendi li l-ewwel qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u interpretazzjoni hazina tal-ligi. Din il-Qorti, pero` taghmilha cara mill-ewwel u a skans ta' hafna dilungar inutili li fis-sentenza appellata ma hemm ebda interpretazzjoni hazina tal-ligi. Il-qofol tal-kwistjoni kollha hi jekk l-ewwel qorti setghetx legittimament tistrieh fuq id-deposizzjoni ta' l-Ispettur Neil Harrison (fol. 30 sa 36) fejn dan qal li ra lill-appellant "jarmi diversi pakketti minn naha tat-tieqa" (fol. 32; ara wkoll fol. 33). Il-kwistjoni ma hix, kif donnu qed jimpostaha l-appellant, wahda ta' prova indizzjarja izda hi fl-ewwel lok wahda ta' prova diretta, u cioe` jekk l-ewwel qorti setghetx legalment u ragjonevolment toqghod fuq id-deposizzjoni ta' l-ispettur. Issa, ghalkemm huwa veru li mill-hames ufficjali tal-pulizija li kienu fuq il-post kien biss l-imsemmi spettur li ra lil Spiteri jarmi l-pakketti (li wara rrizulta li kien fihom il-kokajina), dan ma jfissirx li *"erba' (4) ufficjali tal-Pulizija xehedu bic-cert illi l-appellant Godwin Spiteri ma rema l-ebda pakkett mit-tieqa tal-vettura"* (ara rikors ta' appell, pagna tlieta, tielet paragrafu; sottolinear tal-Qorti). Il-fatt li persuna ma ssemmix xi haga, jew tghid li ma ratx xi haga, ma jfissirx necessarjament li dik ix-xi haga ma sehhitx. Fil-fatt ebda wiehed mill-erba' pulizija l-ohra ma jghid li zgur li Spiteri ma rema xejn. PC 201 Magro malli nizel mill-vettura tal-pulizija mar fuq ix-xufier (cioe` fuq Joseph Buhagiar), u ghalhekk ftit li xejn jista' jghid, fil-ftit sekondi sakem il-pulizija marru fuq il-vettura li kienu fiha Spiteri u Buhagiar, x'kien qed jigri fuq in-naha tal-passiggier. PC 1 Mifsud ma jghid xejn dwar x'ra jew ma rax lil Spiteri jaghmel. PC 579 Micallef (li jidher li kien f'vettura ohra qed jaghmel osservazzjoni minn certu distanza) jidher li wasal fuq il-post wara li shabu l-ohra kienu kienu diga iffermaw u hargu lil Buhagiar u Spiteri mill-vettura li kienu fiha. U PC 213 Borg ukoll mar fuq in-naha tax-xufier, cioe` ta' Buhagiar, u mhux ta' Spiteri. Kollox ma kollox din il-Qorti ma tara ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti, konkluzzjoni bbazata fuq id-deposizzjoni tal-Ispettur Neil Harrison. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghall-piena, l-appellant jikkontendi li din kienet wahda eccessiva. Din il-Qorti, pero`, ma tara xejn eccessiv fil-piena inflitta.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Tordna lir-Registratur sabiex jassigura li l-ordni ghad-distruzzjoni tad-droga jigi ezegwit mill-aktar fis possibbli, u li l-process tad-distruzzjoni jigi registrat fl-atti ta' din il-kawza.

Assistent Registratur